*il-Qorti tirrileva li dak li qiegħda tittenta tagħmel l-appellanta huwa li tassigura li hija ma titkeċċiex minn Malta minħabba raġunijiet li hija ma kellha l-ebda kontroll fuqhom, liema ċirkostanzi jistgħu jitqiesu li jammontaw għal forza maġġuri – kienet ir-responsabbilità tal-Bord li jara għalfejn l-appellanta kienet naqset milli tispjega ċ-ċirkostanzi tal-każ tagħha u għal liema raġuni hija naqset milli tippreżenta l-evidenza in sostenn tal-appell tagħha –Il-Qorti tqis li f'dan il-każ kemm l-appellat kif ukoll il-Bord kellhom juru aktar sensittività għaż-żmien partikolari li għaddejja minnu d-dinja, u għall-fatt li persuna bħall-appellanta, seta' ma kellhiex l-informazzjoni u l-għarfien meħtieġa biex tagħraf tirregolarizza ruħha billi tagħmel użu mis-sistemi online ta' Identity Malta. Minflok il-Bord għadda biex jiddeċiedi l-appell li kellu quddiemu billi qal li ma kellux fuq xiex jiddeċiedi –il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aġir insensittiv tal-Bord ippreġudika lill-appellanta fil-jeddijiet tagħha li tingħata smigħ xieraq u li tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha kif xtaqet.*

MALTA

# QORTI TAL-APPELL
## (Kompetenza Inferjuri)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2021

Appell Inferjuri Numru 3/2021 LM

**Linwei Liu (K.I. 221009A)**
*("l-appellanta")*

***vs.***

**Id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati**
*("l-appellat")*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrenti **Linwei Liu (K.I. 221009A)**, hawnhekk "l-appellanta", minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-

Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem "il-Bord"], tat-8 ta' Jannar, 2021 [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"] li permezz tagħha l-Bord iddeċieda illi l-appell li r-rikorrenti ressqet quddiemu, għandu jiġi miċħud. Ir-rikorrenti kienet appellat quddiem il-Bord minn deċiżjoni meħuda mill-intimat [hawnhekk "l-appellat"] **id-Direttur tad-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u l-Espatrijati** fil-15 ta' Lulju, 2020, li permezz tagħha r-rikorrenti ġiet infurmata li l-Permess ta' Residenza tagħha kien qiegħed jiġi revokat wara li l-impjieg li hija kellha kien ġie tterminat.

## Fatti

2. Permezz ta' ittra mibgħuta lilha mill-intimat fil-15 ta' Lulju, 2020, ir-rikorrenti ġiet infurmata li l-permess ta' residenza tagħha kien qiegħed jiġi revokat, u għalhekk hija ma kinitx għadha awtorizzata li tibqa' f'Malta. Ir-rikorrenti ntalbet tagħmel l-arranġamenti neċessarji kollha biex titlaq minn pajjiżna fi żmien għaxart ijiem mid-data ta' din l-ittra. Ir-rikorrenti appellat minn din id-deċiżjoni quddiem il-Bord.

## Mertu

3. Jirriżulta li minkejja li l-avukat Geoffrey Vella għan-nom tar-rikorrenti kien informa lill-Bord permezz ta' ittra datata 22 ta' Lulju, 2020 li r-rikorrenti xtaqet tappella mid-deċiżjoni tad-Direttur intimat, l-avukat Vella naqas milli jagħti l-isfond fattwali u jispjega r-raġunijiet għalfejn propjament ir-rikorrenti kienet qed tappella mid-deċiżjoni tad-Direttur appellat tal-15 ta' Lulju, 2020.

Għalhekk il-Bord fit-8 ta' Jannar, 2021 ta d-deċiżjoni tiegħu f'dan ir-rigward, mingħajr ma kien edott mill-fatti. Fil-fatt l-ewwel rimarka tal-Bord kienet li parti li tressaq l-appell tagħha quddiemu, tintalab tippreżenta d-dokumentazzjoni in sostenn tal-pretensjonijiet tagħha fi żmien ħmistax-il ġurnata, imma f'dan il-każ ir-rikorrenti ma ppreżentat l-ebda dokumentazzjoni jew xi forma ta' spjegazzjoni għalfejn fil-fehma tagħha, il-Bord kellu jilqa' l-appell tagħha.

## Id-deċiżjoni appellata

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-8 ta' Jannar, 2021, il-Bord iddeċieda li l-appell tar-rikorrenti għandu jiġi miċħud, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"The Board:-*
>
> *Saw the decision issued by the Director dated 15th July, 2020 which stated that the Single Permit granted to the appellant had been revoked as her employment had been terminated;*
>
> *Saw that the relative appeal was filed on 23rd July, 2020; and*
>
> *Examined all the submissions filed.*
>
> ***Submissions filed, evidence produced and considerations***
>
> *The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal **Edwin Zarb et vs Gilbert Spiteri et** (decided on 6th February, 2015) in which*

*it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*The Board saw that through legal counsel, the appellant filed a brief appeal which stated the following:*

> "By means of this present the sender is hereby lodging an appeal against the decision given in the letter dated 15th July, 2020 and notified to the sender on the 20th July, 2020.
>
> In the said letter the reason given is that the Residence Permit of the Ms Liu is being revoked with immediate effect in view of the fact that the sender had her employment terminated.
>
> This appeal is being lodged in terms of article 20(2) of Subsidiary Legislation 217.17."

*The Board observes that that appeal does not rebut Identity Malta's decision in any way. The appeal does not explain why Identity Malta's decision is mistaken nor argues why the appellant's permit should not have been revoked.*

*The Board is indeed puzzled as the appeal filed simply states that the appellant wants to appeal but then does not list the grounds of appeal or explain why Identity Malta's decision should be revoked.*

*In the absence of proper grounds of appeal, the Board has no reason to overturn Identity Malta's decision.*

***Decision***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board rejects the appeal.*

*The Board orders that this decision be served on the parties without delay."*

## L-Appell

5. L-appellanta ressqet l-appell tagħha minn din id-deċiżjoni fit-12 ta' Jannar, 2021, fejn talbet lil din il-Qorti sabiex tirrevoka u tħassar id-deċiżjoni

tal-Bord tat-8 ta' Jannar, 2021 u konsegwentement tilqa' t-talba tal-appellanta sabiex din tkun tista' tibqa' tirrisjedi ġewwa Malta. L-appellanta spjegat ir-raġunijiet għalfejn hija ħassitha aggravata bid-deċiżjoni tal-Bord.

6. Bħala sfond fattwali, l-appellanta qalet li hija kienet waslet Malta fl-10 ta' Settembru, 2019, u fis-17 ta' Ottubru, 2019, ingħatat *Single Permit* sabiex tkun tista' tgħix u taħdem f'Malta b'mod legali. Dak iż-żmien l-appellanta kienet taħdem bħala *massage therapist* fuq bażi *full-time* ġewwa s-Sun Shine Chinese Massage, imma fi Frar tal-2020, l-impjieg tagħha ġie tterminat b'effett immedjat. L-appellanta qalet li hija fittxet impjieg alternattiv permezz tal-Aġenzija *Home Care Services Malta,* u f'Marzu tal-2020 sabet impjieg ġewwa lukanda, imma minħabba r-restrizzjonijiet li ddaħħlu fis-seħħ madwar il-pajjiż minħabba l-pandemija, l-appellanta ma setgħetx tmur tirreġistra l-bidla fl-impjieg tagħha, u għalhekk ma setgħetx tibda taħdem fil-lukanda li offritilha impjieg. L-appellanta spjegat li l-Permess ta' Residenza tagħha ġie revokat minkejja li hija ppruvat timla ċ-*Change in Employer application form.* Qalet li minkejja li hija kienet talbet l-assistenza ta' avukat sabiex jirrappreżentaha quddiem il-Bord, dan min-naħa tiegħu naqas milli jelenka l-aggravji tal-appellanta, u naqas milli jispjega għalfejn fil-fehma tal-appellanta, il-permess ta' residenza tagħha ma kellux jiġi revokat. L-appellanta żiedet tgħid li kemm ilha tgħix Malta, hija bdiet relazzjoni ma' ċertu Raymond Azzopardi, raġel ta' nazzjonalità Maltija, u huma għandhom l-intenzjoni li jidħlu f'unjoni ċivili. Qalet li fil-fatt hija qiegħda tgħix ma' Azzopardi, li apparti li qiegħed jipprovdilha akkomodazzjoni, qiegħed ukoll jieħu ħsieb jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha tagħha. L-appellanta qalet ukoll li riċentement hija applikat għal

Permess ta’ Residenza abbażi tal-Form O, in vista tar-relazzjoni tagħha ma’ Azzopardi, liema applikazzjoni bħalissa qiegħda tiġi evalwata minn Identity Malta.

7. L-appellanta qalet li fil-fehma tagħha, il-Bord fid-deċiżjoni tiegħu naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-fatti u tal-liġi. Qalet li hija ħassitha aggravata għaliex il-Bord naqas milli jirrispetta d-dritt tagħha għal smigħ xieraq, u bil-mod kif il-Bord mexxa l-proċeduri fil-konfront tagħha, dan kiser il-prinċipju tal-*audi alteram partem.* L-appellanta qalet li *ai termini* tal-artikolu 3 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva, fir-relazzjonijiet tagħhom mal-pubbliku, it-tribunali amministrattivi kollha għandhom jirrispettaw u japplikaw il-prinċipji ta’ imġiba amministrattiva tajba, liema prinċipji jinkludu rispett għall-prinċipji ta’ ġustizzja naturali, jiġifieri *nemo judex in causa sua* u *audi alteram partem.* L-appellanta qalet li minkejja li l-Bord, fid-deċiżjoni tiegħu, qal li l-prinċipju tal-*audi alteram partem* mhux neċessarjament ifisser li l-partijiet għandhom jinstemgħu fiżikament, f’dan il-każ hija ma rċeviet l-ebda korrispondenza sabiex tippreżenta l-evidenza, jew xi forma ta’ spjegazzjoni fir-rigward tal-appell tagħha. Qalet li wara li hija daħħlet l-appell tagħha quddiem il-Bord, l-unika korrispondenza li kien hemm magħha kienet sabiex hija tmur tiġbor id-deċiżjoni tal-Bord. L-appellanta qalet li għalhekk id-deċiżjoni appellata ngħatat mingħajr ma hija ngħatat l-opportunità li tinstema’.

8. L-appellanta qalet li wara li l-impjieg tagħha ma’ Sun Shine Chinese Massage ġie tterminat fi Frar tal-2020, hija fittxet opportunità ta’ impjieg alternattiv, u fil-fatt irnexxielha ssib impjieg fuq bażi *full-time* ġewwa l-

Waterfront Hotel. Qalet li hija ma setgħetx timla ċ-*Change in Employer Application form* minħabba li Identity Malta ssospendiet is-servizzi tagħha meta feġġet il-pandemija, bil-konsegwenza li l-appellanta ma setgħetx tibda taħdem b'mod legali fil-lukanda. Qalet li in vista ta' dawn il-fatti, kellu jkun hemm konsiderazzjoni tal-fatt li hija ppruvat tirreġistra l-impjieg il-ġdid tagħha diversi drabi, imma ma rnexxilhiex tagħmel dan għal raġunijiet li mhumiex tort tagħha.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. Id-Direttur appellat wieġeb li in linea preliminari, id-dritt tal-appell tal-appellanta *ai termini* tal-artikolu 20(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, irid jinqara fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, li jirregola fuq liema bażi appell jista' jiġi intavolat. Qal li f'dawn iċ-ċirkostanzi, appell jista' jiġi intavolat fuq punt ta' dritt, u quddiem din il-Qorti ta' reviżjoni ma jista' jiġi intavolat l-ebda appell fuq il-fatti u l-merti tal-każ. L-appellat qal li f'dan il-każ, l-aggravji tal-appellanta jiċċentraw fuq il-fatt li skont hi l-uffiċċji ta' Identity Malta ma kinux aċċessibbli minħabba l-pandemija, kif ukoll fuq il-fatt li l-avukat tal-appellanta naqas li jippreżenta l-każ tagħha kif mitlub minnha. L-appellat qal li dawn l-punti li l-appellanta qiegħda titlob lil din il-Qorti ta' Reviżjoni tiddeċiedi dwarhom, huma punti ta' fatt.

10. L-appellat qal ukoll li l-aggravju tal-appellanta li f'dan il-każ inkiser il-prinċipju tal-*audi alteram partem,* m'għandux jiġi milqugħ, għaliex l-appellanta ngħatat ħmistax-il ġurnata mill-Bord sabiex tressaq l-evidenza, id-

dokumentazzjoni u s-sottomissjonijiet tagħha quddiemu, imma hija naqset milli tagħmel dan. Qal ukoll li din il-Qorti m'għandhiex tidħol fil-mertu dwar jekk l-appellanta kinitx assistita b'mod effettiv mill-avukat tal-għażla tagħha, u dan l-appell mhux referenza kostituzzjonali fejn irid jiġi deċiż jekk l-appellanta kellhiex difiża valida quddiem il-Bord. Żied jgħid li l-prinċipju tal-*audi alteram partem* ma jinkisirx għax il-Bord jagħżel li ma jagħmilx seduta b'mod fiżiku, jew għaliex ma saritx trattazzjoni orali quddiem il-Bord, sakemm jiġi ppruvat li l-parti milquta ngħatat l-opportunità li tressaq il-każ tagħha. Qal li l-aktar prinċipju importanti li għandu jiġi mħares huwa li ż-żewġ partijiet jingħataw l-opportunità li jressqu l-każ tagħhom bl-istess mod, u dan jista' jsir bil-kitba. Id-Direttur appellat żied jgħid li ladarba l-appellanta ma ressqet l-ebda provi jew sottomissjonijiet quddiem il-Bord, ma kien hemm l-ebda sottomissjonijiet jew provi li huwa ried iwieġeb għalihom. Qal li għalhekk jekk wieħed kellu jidħol fil-mertu tal-każ, id-deċiżjoni tad-Direttur appellat tal-15 ta' Lulju, 2020 għandha titqies li hija valida, u dan peress li l-permess ta' residenza tal-appellanta ġie revokat minħabba li l-impjieg tagħha kien ġie tterminat. Qal li f'każ li l-appellanta riedet tinforma lil Identity Malta li kienet bidlet il-post fejn taħdem, hija setgħet tagħmel dan *online,* għaliex wara li feġġet il-pandemija ħafna servizzi bdew jingħataw *online.* Qal ukoll illi dawn il-faċilitajiet kienu disponibbli b'effett mis-7 ta' April, 2020 u għalhekk l-appellanta kellha żmien biżżejjed biex timla l-applikazzjoni tagħha b'dan il-mod. L-appellat qal li din l-informazzjoni kienet mgħarrfa lill-pubbliku permezz ta' stqarrijiet għall-istampa li nħarġu. Id-Direttur appellat qal li huwa raġonevoli li wieħed jistenna li waqt pandemija globali ħafna servizzi jibdew jingħataw *online* minflok fiżikament, u Identity Malta fittxet li tibda tħaddem din l-alternattiva sabiex

tipprovdi s-servizzi tagħha. Qal ukoll li l-fatt li l-appellanta naqset milli tieħu din l-opportunità u tirregolarizza ruħha b'dan il-mod, huwa nuqqas tagħha.

11. L-appellat qal ukoll li d-deċiżjoni tal-Bord, fejn intqal li ladarba l-impjieg tal-appellanta ġie tterminat, il-permess ta' residenza tagħha għandu jiġi revokat, hija korretta kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt. Qal li mhux minnu lanqas li l-appellanta għandha xi applikazzjoni pendenti għaliex qiegħda f'relazzjoni ma' persuna ta' nazzjonalità Maltija, billi dan ma jirriżultax mir-*records* tal-Aġenzija. Finalment, l-appellat qal li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza li tissostitwixxi d-deċiżjoni tal-awtorità amministrattiva, imma tista' biss tirrevedi d-deċiżjoni mogħtija abbażi tal-artikolu 25A tal-Kap. 217, u għalhekk f'każ li din il-Qorti tagħżel li tilqa' l-appell tal-appellanta, hija tista' biss tikkanċella d-deċiżjoni tal-Bord u tordna li l-appell tal-appellanta jerġa' jinstema'.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

12. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta, fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet tal-Bord fid-deċiżjoni appellata u tas-sottomissjonijiet tal-appellat. In suċċint, jirriżulta li l-appellanta ntalbet tħalli Malta wara li l-Permess ta' Residenza tagħha ġie revokat għaliex hija tilfet l-impjieg tagħha. Minkejja li l-appellanta sabet impjieg alternattiv, hekk kif ġiet biex tirreġistra l-bidla fl-impjieg tagħha fl-uffiċċji ta' Identity Malta, din sabet li dawn kienu magħluqa minħabba r-restrizzjonijiet li ddaħħlu fis-seħħ minħabba l-pandemija, u għalhekk ladarba ma setgħetx tirregolarizza ruħha ma' Identity Malta, l-appellanta tilfet dan it-tieni impjieg ukoll. Jirriżulta wkoll li

minkejja li l-appellanta inkarigat avukat sabiex dan jappella mid-deċiżjoni tad-Direttur appellat f'isimha, dan naqas milli jippreżenta l-fatti u ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ tal-appellanta, u għalhekk il-Bord fid-deċiżjoni tiegħu kkonkluda li l-appellanta baqgħet ma tatx ir-raġunijiet għalfejn fil-fehma tagħha l-appell tagħha kellu jintlaqa', u għalhekk ċaħad l-appell tagħha. Konsegwentement il-Bord ikkonferma d-deċiżjoni tad-Direttur appellat tal-15 ta' Lulju, 2020, fejn l-appellanta kienet ġiet ordnata biex titlaq minn Malta.

*L-aggravju ewlieni:* *ebda apprezzament korrett tal-fatti u tal-liġi*

13. L-appellanta tgħid li l-Bord f'dan il-każ naqas milli jagħmel apprezzament korrett tal-fatti u tal-liġi, u aġixxa bi ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja naturali, senjatament il-prinċipju tal-*audi et alteram partem,* għaliex hija ma ngħatatx l-opportunità li tinstema' jew li tressaq id-difiża tagħha kif xtaqet. Qalet li wara li hija nnotifikat lill-Bord li xtaqet tappella mid-deċiżjoni tad-Direttur appellat, l-unika komunikazzjoni li kien hemm mal-Bord kienet meta dan talabha tmur tiġbor kopja tad-deċiżjoni tiegħu, u hija bl-ebda mod ma ntalbet tixhed jew tagħmel sottomissjonijiet dwar il-każ tagħha. Spjegat li hija sabet ruħha fl-impossibilità li tirregolarizza ruħha ma' Identity Malta, għaliex din l-Aġenzija għalqet l-uffiċċji tagħha minħabba l-pandemija, u għalhekk hija reġgħet sabet ruħha mingħajr impjieg.

14. L-appellat min-naħa tiegħu qajjem l-eċċezzjoni li dan l-appell huwa bbażat fuq punti ta' fatt u mhux fuq punti ta' dritt. Imma din il-Qorti hija tal-fehma li l-lanjanza tal-appellanta, li kien hemm ksur tal-prinċipji ta' ġustizzja

naturali minħabba l-mod kif il-Bord ittratta l-vertenza mressqa quddiemu, hija bbażata fuq prinċipji ta' dritt u għalhekk l-aggravji tal-appellanta jimmeritaw konsiderazzjoni minn din il-Qorti ta' reviżjoni. Fil-fehma ta' din il-Qorti, għalkemm huwa minnu li l-partijiet ma ntalbux jidhru quddiem il-Bord biex jagħmlu sottomissjonijiet bil-fomm jew bil-kitba, ma jfissirx li l-prinċipju tal-*equality of arms* mhuwiex qiegħed jiġi mħares. Il-Qorti tirrileva li dak li qiegħda tittenta tagħmel l-appellanta huwa li tassigura li hija ma titkeċċiex minn Malta minħabba raġunijiet li hija ma kellha l-ebda kontroll fuqhom, liema ċirkostanzi jistgħu jitqiesu li jammontaw għal forza maġġuri. Bl-ebda mod ma jista' jitqies li deċiżjoni ta' importanza bħal din, li taf taffettwa l-futur tal-applikanta għal żmien indefinit, tista' titpoġġa fl-istess livell bħall-pożizzjoni tal-appellat li sab ruħu f'sitwazzjoni fejn ma kellux każ għal xiex jirrispondi għaliex l-avukat difensur tal-appellanta naqas milli jespleta l-inkarigu mogħti lilu kif kien mistenni minnu. Bl-ebda mod ma jista' jintqal li l-pożizzjoni tal-partijiet tinsab fuq pjan ugwali, jew li l-konsegwenzi huma l-istess għaż-żewġ partijiet li huma.

15. Fil-fehma tal-Qorti, kienet ir-responsabbilità tal-Bord li jara għalfejn l-appellanta kienet naqset milli tispjega ċ-ċirkostanzi tal-każ tagħha u għal liema raġuni hija naqset milli tippreżenta l-evidenza kollha in sostenn tal-appell tagħha. Ċertament li l-ebda persuna mhija ser tressaq appell u titlob li l-każ tagħha jiġi kkonsidrat mill-ġdid, mingħajr ma jkollha raġuni għalfejn tagħmel dan. Il-Qorti tqis li f'dan il-każ kemm l-appellat kif ukoll il-Bord kellhom juru aktar sensittività għaż-żmien partikolari li għaddejja minnu d-dinja, u għall-fatt li persuna bħall-appellanta, seta' ma kellhiex l-informazzjoni u l-għarfien meħtieġa biex tagħraf tirregolarizza ruħha billi tagħmel użu mis-sistemi *online*

ta' Identity Malta. Minflok il-Bord għadda biex jiddeċiedi l-appell li kellu quddiemu billi qal li ma kellux fuq xiex jiddeċiedi. Il-Qorti hija tal-fehma li dan l-aġir insensittiv tal-Bord ippreġudika lill-appellanta fil-jeddijiet tagħha li tingħata smigħ xieraq u li tagħmel ir-rappreżentazzjonijiet tagħha kif xtaqet. Kif diġà ġie rilevat, il-konsegwenzi fuq l-appellanta jafu jkunu drastiċi jekk ma tingħatax l-opportunità li tressaq il-każ tagħha u li tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha quddiem il-Bord, anki sabiex il-Bord ikun jista' jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq il-mertu tal-każ.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellanta billi tilqa' l-aggravju tagħha, u filwaqt li tħassar u tannulla d-deċiżjoni appellata, tordna li l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex tingħata deċiżjoni dwar it-talbiet tal-appellanta wara li jkun ingħata qies xieraq tal-konsiderazzjonijiet li saru mill-Qorti f'din is-sentenza.**

**Spejjeż ta' dan l-appell a karigu tal-appellat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**